# HERITAGE MALTA TIĊĊELEBRA L-20 ANNIVERSARJU BIL-FTUĦ TAS-SITI U L-KWARTIERI TAGĦHA B'XEJN

Heritage Malta

**Stqarrija | 22 ta' Settembru 2023**

Heritage Malta qed tiċċelebra l-20 anniversarju mit-twaqqif tagħha b'diversi attivitajiet, fosthom il-ftuħ b'xejn tas-siti u l-mużewijiet tagħha kif ukoll il-ftuħ tal-kwartieri tagħha f'Bighi biex il-pubbliku jkollu l-opportunità li jara mill-qrib kif titwettaq il-ħidma tagħha.

Il-ftuħ b'xejn tas-siti u l-mużewijiet se jsir is-Sibt 30 ta' Settembru. Dakinhar se jkunu miftuħin bla ħlas is-siti kollha ħlief l-Ipoġew ta' Ħal Saflieni, Underground Valletta u s-siti li bħalissa huma magħluqin. Il-ħinijiet tal-ftuħ se jkunu dawk normali għal kull sit jew mużew, u l-viżitaturi m'għandhomx bżonn jibbukkjaw minn qabel.

L-għada l-Ħadd, 1 ta' Ottubru, Heritage Malta se tiftaħ il-kwartieri tagħha f'Bighi għall-pubbliku għal ġurnata sħiħa, mill-10:00 sas-18:00. Il-viżitaturi se jkunu jistgħu jiltaqgħu ma' diversi professjonisti, fosthom il-periti tal-aġenzija, ix-xjentisti huma u jaħdmu fil-laboratorji tagħhom, il-konservaturi, u ħaddiema ta' snajja' differenti, filwaqt li jaraw ukoll x'sehem importanti għandha t-teknoloġija moderna fil-ħarsien tal-wirt kulturali nazzjonali.

It-tfal se jkollhom biex jieħdu gost waqt li jitgħallmu, permezz ta' tours apposta għalihom (li jridu jiġu bbukkjati minn qabel), kif ukoll bosta attivitajiet u attrazzjonijiet tul il-ġurnata kollha. L-istudenti u l-anzjani jistgħu jiġbru l-passaport ta' Heritage Malta minn Bighi stess dakinhar, id-dilettanti tal-kotba se jsibu ħafna pubblikazzjonijiet biex jitpaxxew, u sħubija f'Heritage Malta se tkun disponibbli għal min hu interessat. Se jkun hemm ikel u xorb għall-bejgħ.

Fl-okkażjoni ta' għeluq l-20 sena tagħha, Heritage Malta ħasbet ukoll biex torganizza lejla soċjali fil-Forti Sant'Iermu għall-impjegati kurrenti u rtirati tagħha, bl-għan li turihom rikonoxximent għall-ħidma tagħhom matul is-snin. F'din il-lejla se titnieda wkoll wirja ta' xogħlijiet artistiċi li nħadmu mill-impjegati ta' Heritage Malta stess. Fil-wirja se jkun hemm madwar 25 biċċa xogħol, li jvarjaw minn pitturi u tpinġijiet għal ġojjellerija, fotografija, skultura, crochet, u presepji, fost oħrajn. Il-wirja se tibqa' miftuħa fil-Forti Sant'Iermu sal-aħħar tas-sena u l-pubbliku jista' jaraha bħala parti mill-esperjenza ta' meta jżur il-Forti.

F'kumment dwar dan l-anniversarju importanti għal Heritage Malta, il-Kap Eżekuttiv tal-aġenzija, Noel Zammit, qal li fil-ħidma kollha li wettqet tul dawn l-20 sena, Heritage Malta kienet gwidata minn strateġija proattiva mfassla bil-għaqal u minn viżjoni li tara fil-bogħod, tantiċipa x-xejriet tal-qasam tagħha, u toħroġ b'soluzzjonijiet għall-problemi mbassrin mit-tagħlimiet tal-esperjenza. Fil-qalba ta' din il-ħidma kien hemm l-impjegati, bil-ħiliet speċjalizzati tagħhom f'diversi oqsma u b'attitudni pożittiva li permezz tagħha Heritage Malta kisbet bosta suċċessi, għelbet ostakli kbar bħall-pandemija tal-Covid-19, u tista' tħares lejn il-ġejjieni b'fiduċja u ottimiżmu.

+356 22954000
info@heritagemalta.org
www.heritagemalta.org

35 Dawret Fra Giovanni Bichi
Il-Kalkara KKR 1280
Malta

Aktar dettalji dwar l-attivitajiet ta' Heritage Malta fl-okkażjoni tal-20 anniversarju tagħha jinsabu hawn: https://heritagemalta.mt/whats-on/